MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 64/2006/1

**Henry Cassar**
**Vs**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Henry Cassar li permezz tieghu ppremetta:**

Illi huwa kien tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar il-5 ta' Settembru 1991 ko-akkuzat flimkien ma' ohrajn talli bejn is-16 ta' Settembru u l-15 ta' Ottubru 1989 ikkommetta diversi reati relatati *inter alia* mal-evazjoni tad-dazju.

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-esponent kienu talli:

1. Bhala ufficjal tad-dwana bl-eghmil tieghu huwa xjentement ghen lill-ohrajn biex jinharbu d-dazji ta' l-importazzjoni u restrizzjonijiet ta' mportazzjoni fuq tlett *containers* oggetti ta' valur in eccess ta' Lm50,000 komplessivament,

2. Bl-eghmil tieghu ghen lill-ohrajn biex tinharab il-*Levy* fuq importazzjoni u restrizzjonijiet ta' mportazzjoni fuq zewg *containers* kontenenti oggetti ta' valur in eccess ta' Lm25,000 komplessivament, u dan billi ghamel dikjarazzjoni falza u ppermetta li dawn il-*containers* jitwarrbu mill-post ta' kustodja minghajr ma jigu spezzjonati mill-ufficcjal inkarigat tad-Dwana u qabel ma giet imhallsa jew ikkawtelata il-*Levy* dovuta,

3. Bhala komplici assista lill-ohrajn fil-falsifikazzjoni ta' dokumenti tal-artikolu 166 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

4. Bhala komplici ghamel uzu ta' dokumenti ffalsifikati bi ksur tal-artikolu 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

5. Bhala komplici assista lill-ohrajn fil-falsifikazzjoni ta' atti pubblici jew kummercjali jew ta' bank privat bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

6. Bhala komplici ghamel uzu ta' atti pubblici jew kummercjali jew ta' bank privat iffalsifikati bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

7. Bhala komplici sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta' taghrif falz f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta,

8. Bhala komplici kkommetta frodi u ghamel qliegh ta' aktar minn Lm50,000 izda anqas minn Lm1,000,000 ghad-danni tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

9. Bhala komplici ghen jew assista fl-importazzjoni ta' tlett *containers* li gew importati bil-kuntrabandu bi ksur tal-

artikoli 8, 60(a)(c)(e) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Ordinanza dwar id-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta,

10. Bhala komplici ghen jew assista fl-importazzjoni ta’ zewg *containers* li gew importati bil-hsieb li jigu evazi il-*Levies* dovuti fuqhom u r-restrizzjonijiet ta’ mportazzjoni, u dan bi ksur tal-artikoli 7(1) u 12 tal-Att XXXI tal-1989,

11. Kif ukoll talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta’ taghrif falz f’xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita’ pubblika bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir illi jissorvelja illi dan ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Dan kollu fil-kawza fl-ismijiet; ***Il-Pulizjia [Supretendent Lawrence Cauchi, Spettur Martin Bayliss] vs Roger Sullivan, Henry Cassar, Mario Attard, Carmel sive Charles Abela, Angelino sive Lino Abela*** [Ara Dok. 1 hawn anness].

Illi fl-istess seduta tal-5 ta’ Settembru 1991, l-esponent wiegeb li ma kienx hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u talab li jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest liema talba giet milqugha taht il-kundizzjonijiet relattivi.

Illi l-prosekuzzjoni resqet ix-xhieda kollha li kellha tipproduci fuq mhedda ta’ sitt snin u fis-sena 1997 iddikjarat illi ma kelliex aktar provi xi tressaq. Il-kawza giet ghalhekk differita ghall-provi tad-difiza.

Illi ftit zmien wara d-difiza ezawriet u resqet il-provi kollha taghha u ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tipproduci u wara li saret trattazzjoni finali l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-kawza msemmija ghada sal-gurnata tal-lum, u cioe’ kwazi hmistax-il sena wara li nbdiet, mhux deciza u dan minkejja illi tul dawn il-hmistax-il sena l-esponent gie

notifikat pluralita’ ta’ drabi sabiex jidher il-Qorti. L-esponent kull darba li gie hekk imharrek dejjem attenda ghas-seduta bit-tama illi forsi xi darba jinghata sentenza pero’ dana ghamlu nutilment.

Illi mill-*iter* processwali jirrizulta manifest illi dan id-dewmien b’ebda mod ma jista’ jigi attribwit b’xi mod lill-esponent peress illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza suriferita, huwa dejjem issokkomba ghal kull ordni tal-Qorti sabiex jidher quddiemha, kif ukoll huwa ppartecipa b’mod attiv u spedit fl-istess proceduri billi meta huwa kellu jressaq il-provi *in difeza* huwa ezawrixxa l-provi kollha tieghu bla dewmien.

Illi bir-rigward kollu anqas ma jista’ jigi eccepit illi dan it-tip ta’ dewmien jista’ jkun gustifikat ghaliex il-kawza suriferita hija wahda kumplessa tant illi l-istess Qorti diversament preseduta kienet diga’ ppronunzjat sentenza finali f’zewg procedimenti ohra identici fl-ismijiet li huma:

(1) ***Il-Pulizija [Spettur Martin Bayliss] vs Andrew Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Paul Micallef, Henry Cassar, Mario Attard, Anthony Abela u Carmel Busuttil deciza nhar is-17 ta’ April 1998*** [Ara Dok. 2 hawn anness]

kif ukoll

(2) ***Il-Pulizija [Spettur Martin Bayliss] vs Carmel Ellul Sullivan, Henry Cassar, Saviour Grech, Mario Attard u Paul Micallef deciza nhar il-25 ta’ Gunju 1998*** [Ara Dok. 3 hawn anness]

Illi mis-suespost jirrizulta manifest illi t-trapass ta’ aktar minn hmistax-il sena sabiex tinghata s-sentenza fil-kaz odjern huwa wiehed mhux gustifikat u ferm irragjonevoli;

Illi fil-fehma tal-esponent dan l-istat ta’ fatt huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq minn Qorti ndipendenti u mparzjali fi zmien ragjonevoli u dan kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet: ***Il-Pulizija [Supretendent Lawrence Cauchi, Spettur Martin Bayliss] vs Roger Sullivan, Henry Cassar, Mario Attard, Carmel sive Charles Abela, Angelino sive Lino Abela*** pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura gja gie u ghadu qieghed jigi lez id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq minn Qorti ndipendenti u mparzjali fi zmien ragonevoli;

2. Konsegwentement tiddikjara illi sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Taghti r-rimedju effettiv u opportuni fic-cirkostanzi nkluz izda mhux biss id-dikjarazzjoni ta' l-estinzjoni tal-proceduri suriferiti u kumpens prekunjarju.

**Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali a fol 48 fejn wiegeb :**

Illi m'hemm l-ebda ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fil-konfront tar-rikorrent u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-Qrati taghna u l-Qorti Ewropea dejjem irritinew fil-gurisprudenza twila fuq dan id-dritt fundamentali, li biex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha, u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Fil-kaz odjern, l-ewwelnett, il-procedura lanqas biss ghadha mitmuma, haga li, skond l-istess gurisprudenza, hi mehtiega, biex ikun ezaminat l-assjem tal-procedura. It-tieni, jridu jkunu ezaminati l-elementi kollha li jiffurmaw din il-procedura, nkluz il-komplessita' taghha, n-numru ta' akkuzati, l-ammont ta' xhieda, l-ammont ta' dokumenti, d-

diffikulta’ biex jitressqu certi xhieda biex jixhdu, u affarijiet ohra bhal dawn.

2. Illi rigward il-kumplessita’ tal-proceduri li dwarhom qed isiru l-allegazzjonijiet mir-rikorrent, l-esponent jghid li f’din il-kawza hemm akkuzati hames persuni. Din il-kawza titratta fil-parti kbira taghha dwar falsifikazzjoni ta’ dokumenti u nformazzjoni falza u ghalhekk min-natura taghha titlob li d-dokumenti kollha jkunu verifikati u forsi jsir anke studju fuqhom minn esperti minhabba falsifikazzjoni ta’ firem u dettalji ohra. Ukoll fiha hemm involuti numru kbir ta’ dokumenti. Barra minn hekk, kien hemm bzonn ukoll ta’ diversi xhieda bil-procedura ta’ rogatorji. Ghalhekk meta wiehed iqis dan kollu, hu facli li wiehed jispjega t-trapass taz-zmien f’dawn il-proceduri.

3. Illi wiehed irid jezamina wkoll l-imgiba tar-rikorrent innifsu u tal-koakkuzati tieghu tul il-proceduri kriminali kontrihom, biex jara jekk u kemm l-imgieba taghhom tawlet il-proceduri. Dan ukoll hu element li kien rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Kull nuqqas ta’ koperazzjoni min-naha tal-akkuzati ghen biex jintilef zmien inutli fil-proceduri, li mbaghad ma jistax jintuza minnhom stess biex isostnu allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

4. Ukoll wiehed irid jezamina jekk ir-rikorrenti ghamilx talba formali lill-Qorti biex tfittex tasal ghad-decizjoni f’dawn il-proceduri f’xi stadju tal-istess proceduri u b’mod partikolari wara li l-procedura thalliet ghas-sentenza. Dan ukoll huwa fattur li jaffettwa jekk ir-rikorrent kellux smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz in vista taz-zmien qasir li l-esponent kellu biex jipprezenta r-risposta tieghu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

Rat id-digriet tal-4 ta’ Mejju 2007 fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni, « Il-Pulizija vs Roger Sullivan et » ;

Rat il-verbal tat-13 ta’ Ottubru 2008 fejn ir-rikorrent iddikjara li in vista tal-fatt li l-proceduri mertu ta’ dan ir-rikors gew decizi fis-17 ta’ April 2007 ma hemmx aktar lok li ssir id-dikjarazzjoni ta’ l-estinzjoni tal-proceduri u ghalhekk f’dak is-sens irtira t-tielet talba tieghu.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti ;
Semghet ix-xhieda bil-gurament ;
Semghet lill Avukati difensuri ;
Rat in-noti tal-partijiet.

Illi f’dan ir-rikors kostituzzjonali r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba t-tul ta’ proceduri kriminali kontrih.

**Provi**

Ir-rikorrent xehed li bhala rizultat tal-proceduri li ttiehdu kontra tieghu u li damu biex jinqatghu hmistax-il sena fejn fl-ahhar instab mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, hu ghamel telf finanzjarju matul is-snin bejn Jannar 1990 u Frar 2007 fl-ammont ta’ Euro 116,468.66

Peter Grima, Assistent Direttur Human Resources mad-Dwana pprezenta l-P3 tar-rikorrent u ta’ Chris Attard mis-sena bazi 1990 sas-sena 2006 fejn jidhru d-differenzi bejn il-pagi taghhom. Hu qal li wiehed ma tistax tikkompara d-dhul ta’ persuna mad-dhul ta’ persuna ohra billi jiddependi fejn wiehed ikun jahdem u z-zmien partikolari li fih wiehed jkun qed jahdem. Hu biss meta Attard u Cassar kienu jahdmu fl-istess divizjoni li wiehed jista’ jikkompara.

Xehed is-Supretendent Bayliss, wiehed mill-ufficjali prosekuturi fil-kaz, li qal li l-proceduri kienu kontra hamsa minn-nies dwar xi ghoxrin container li nstabu vojta f’Belt il-

Hazna meta suppost dawn kienu ghat-transhipment. Huma kellhom jigbru diversi dokumenti minghand l-agenti u l-burdnara kif ukoll dokumenti minghand id-Dwana. Kien hemm mal-erbghin xhud min-naha tal-prosekuzzjoni, fosthom xhieda li kellhom jinstemghu bir-rogatorji. Kien hemm ukoll kumpilazzjonijiet ohra ghaddejin fejn l-istess akkuzati kienu involuti wkoll, inkluz ir-rikorrent. Gew nominati wkoll esperti. Il-kumpilazzjoni kienet baqghet ghas-sentenza ghal hafna zmien. Il-Prosekuzzjoni ma kinitx talbet biex il-kumpilazzjoni tigi deciza b'urgenza billi dak f'idejn il-Qorti.

**Kontestazzjoni**

L-intimat Avukat Generali qed jissottometti illi m'hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smigh xieraq f'dawn il-proceduri peress li *si tratta* ta' kaz kumplikat kif jirrizulta mill-provi prodotti, l-aktar fit-teknikalitajiet tieghu kif xehed is-Supretendent Bayliss. Ezami semplici tas-sentenzi l-ohra ezibiti u li kienu jittrattaw proceduri kwazi identici fil-konfront ta' ohrajn, fosthom ir-rikorrent, juru l-komplessita' tal-kazijiet rizultanti minn dan l-ghibien ta' containers.

Dwar l-allegati danni li r-rikorrent sofra, l-intimat jirritjeni li l-argument tar-rikorrent li ghax siehbu Attard qala' tant, hu kien se jaqla' daqstant paga u *allowances* ohra kieku m'ghaddiex proceduri kriminali, ma jregix. Dan ghaliex (a) hadd ma jista' jkun jaf minn qabel x'se jigri f'hajtu (b) ghaliex ir-rikorrent qed jassumi li hu kif ukoll Chris Attard baqghu dejjem jahdmu fl-istess taqsima u (c) jirrizulta li l-Kap tad-Dipartiment tad-Dwana, kien rega' dahhal lir-rikorrent fl-impjieg u nehha s-sospensjoni tieghu, u hekk ir-rikorrent rega' beda jircievi paga shiha ghal hafna miz-zmien li fih kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali. Ghalhekk kull rimedju li jista' jinghata ghandu jkun kumpens finanzjarju ffissat *arbitrio boni viri* minghajr ma jkun marbut ma xi dhul tar-rikorrent.

Ir-rikorrent issottometta li hu mhux jilmenta mid-dewmien ghal ahhar ghaxra jew hdax-il sena li kienu biss differimenti ghas-sentenza u hija din il-bazi tal-lanjanza tieghu. Kienet biss din l-procedura kostituzzjonali li

eventwalment wasslet biex tinghata s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati. Hu qatt ma lmenta ghal fatt li l-prosekuzzjoni damet sitt snin biex tressaq il-provi taghha .

Hu ma kellu ebda obbligu u lanqas dritt li jitlob lill-Qorti biex tiddeciedi l-kawza kemm jista' jkun malajr. Hu dejjem attenda s-seduti kull meta gie mharrek biex jaghmel hekk.

Dwar ir-rimedju effettiv ir-rikorrenti jaqbel li dina mhiex kawza ghal danni sofferti minnu imma ghal kumpens minhabba dewmien fejn f'dan il-kaz kien marbut b'kondizzjonijiet biex jinghata liberata provvisorja fosthom depozitu ta' Lm3,000 li kellu jissellifhom bl-imghax ; l-anzjeta' li tistenna biex tara kif ser jinqaghtu l-proceduri ; diffikulta' fix-xoghol fejn ma jistax javvanza anzi nghata transfer u tilef l-overtime. Ir-rikorrent ghamel referenza ghas-sentenzi ezibiti a fol 153 u 167 u ssottometta li fil-kaz tieghu hu gie liberat tlett darbiet mentri fis-sentenzi l-ohra l-akkuzati kienu nstabu hatja ghalhekk hu ghandu jinghata kumpens oghla minn dak moghti f'dawk iz-zewg sentenzi.

**Reasonable-Time requirement**

Illi skond l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hemm zewg kwestjonijiet principali li jridu jigu konsidrati fir-rigward ta' allegazzjoni taht l-artikolu 6 (1) tal Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li " *in the determination ....of any criminal charge against him, everyone is entitled to a ....hearing within a reasonable time by a .... tribunal...*" u dawn huma: (a) liema hu l-perjodu li jrid jigi konsidrat u (b) jekk dan il-perjodu hux ragjonevoli.

The length of proceedings is to be assessed in the light of the particular circumstances of the case, regard being had to three heads: the complexity of the case, the conduct of the applicant; and the conduct of the authorities. (Zimmerman and Steiner v Switzerland judgment 13 July 1983). No particular factor is conclusive; the approach must be to examine them separately and then to assess their cumulative effect.

Criminal proceedings will generally be expected to be pursued more expeditiously than civil. Criminal proceedings commence from the moment that a formal charge is brought against the applicant. The proceedings end when the charges are finally determined or the sentence imposed becomes final.

Length complains may be examined where the proceedings have not terminated if it is alleged that there has already been unreasonable delay. The fact that an applicant is acquitted does not deprive him of victim status for the purpose of a length complain. (K. Reid Guide to The European Convention of Human Rights).

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi fit-trattazzjoni orali mill-abbli difensur tar-rikorrent intqal li r-rikorrent mhux qed jilmenta mid-dewmien fil-proceduri sakemm il-prosekuzzjoni waslet biex ghalqet il-provi taghha izda qed jilmenta mill-ahhar ghaxra jew hdax-il sena li kienu biss differimenti ghas-sentenza u hija din il-bazi tal-lanjanza tieghu ghalkemm ighid ukoll li dina l-lanjanza trid ukoll taraha fil-perspettiva tal-proceduri kollha.

Illi l-Qorti taqbel li dan kien kaz kompless u kif qalet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tas-17 ta' April 2007 il-Pulizija u d-Dwana svolgew investigazzjoni komplessiva li rrizultat f'dan il-kaz u kazijiet ohra li kienu jinvolvu volumi enormi ta' provi.

Jirrizulta li l-allegati reati gew kommessi fin 1989 u r-rikorrent kien tressaq il-Qorti akkuzat fil-5 ta' Settembru 1991. Fl-4 ta' Awwissu 1995 wara li l-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha nqaraw l-artikoli u l-akkuzat wiegbu li ried li l-kaz taghhom jinqata' mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-difiza ressqet il-provi taghha u fit-13 ta' Novembru 1998 ghalqet il-provi taghha u saru t-trattazzjonijiet u l-Qorti tal-Magistrati halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 1999. Il-kawza giet differita

39 darba ghas-sentenza u wara tmien snin tigi differita ghas-sentenza giet deciza finalment fis-17 ta' April 2007 cjoe  sittax-il sena wara li r-rikorrent kien gie prezentat l-ewwel darba l-Qorti fuq dawn l-akkuzi.

Illi hu evidenti li mhux ragjonevoli li kawza tithalla ghas-sentenza ghal 8 snin minghajr ma tinqata, aktar u aktar meta hija kawza kriminali,  li hi ta' natura sensitiva.

Ma kien hemm ebda ostakolu li kien qed izomm il-Qorti milli tippronunzja s-sentenza jew xi diffikolta' partikolari fis-sentenza kif jidher fil-konsiderazzjonijiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Ma jirrizultax li kien hemm xi raguni specjali ghala kellu jkun hemm dan id-dewmien kollu biex tinghata s-sentenza, li imbaghad inghatat kwazi mal-ewwel meta gie prezentat ir-rikors kostituzzjonali. Min-naha tal-partijiet ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew biex jingabu provi godda jew jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri.  Jirrizulta li l-prosekuzzjoni u l-imputati kienu dejjem jidhru ghall-kawza f'kull differiment izda s-sentenza baqghet ma nghatax sal-2007.

Illi f'dan il-kaz kien hemm vjolazzjoni tar-« reasonable time-requirement ». Illi meta z-zmien jidher li hu rragjonevolment twil hu dmir ta' l-istat li juri li hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id-dewmien. F'dan il-kaz ma jidher li kien hemm ebda gustifikazzjoni ghaliex il-Qorti kellha ddum daqshekk biex taghti s-sentenza.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq minhabba tul ta' zmien irragjonevoli biex tinqata s-sentenza a bazi ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Rimedju**

Ir-rikorrent talab rimedju konsistenti f'kumpens prekunjarju. Billi llum il-kumpilazzjoni hi deciza r-rikorrent ddikjara li ma hemmx aktar lok li ssir ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-estinzjoni tal-proceduri kif hemm fit-talbiet tieghu.

Ir-rikorrent talab rimedju li ghandu jirrispekkja t-telf li huwa sofra f'dan il-kaz u li dwarhom hu ressaq xi provi. Hu qed jippretendi s-somma ta' Lm 50,000 (ara affidavit tar-rikorrent a fol 59).

L-intimat wiegeb li l-Qorti ghandha tillimita d-danni billi takkorda kumpens finanzjarju ffissat *arbitrio boni viri* minghajr ma jkun marbut ma xi dhul tar-rikorrent u li l-P3 ta' Chris Attard kollega tar-rikorrent li giet ezibita hi rrilevanti u m'ghandhiex x'taqsam mar-rimedju li tista' taghti l-Qorti (ara verbal a fol 137).

Il-Qorti jidhrilha li l-proceduri prezenti ma jammontawx ghal kawza ghall-danni. Ma jistax jigi komparat dak li kien jaqla' Chris Attard ma dak li qala r-rikorrent billi hemm diversi fatturi li jiddistingwu kaz minn iehor. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ghandu jigi kumpensat ghad- dewmien mhux gustifikat ghall-incertezza u anzjeta li hu kien kostrett li jghaddi minnhom sakemm inghalqu l-proceduri kriminali. Dan il-kumpens ghandhu jkun wiehed fi flus.

Fid-determinazzjoni tas-somma li ghandha tigi akkordata lir-rikorrent bhala kumpens, il-Qorti se tiehu in-konsiderazzjoni dawn il-fatturi : id-dewmien ingustifikat li kien wiehed eccessiv – tmien snin biex tinghata sentenza ; li r-rikorrent gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu ; li l-kawza hija ta' natura kriminali ; li hu sofra anzjeta' u incertezza minhabba d-dewmien esagerat ; r-rabta li kellhu meta kien bil-garanzija li kellu jaghmel biex giet akkordata l-liberata' provvisorja.

Min-naha l-ohra l-Qorti sabet li gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent billi l-kawza damet 8 snin ghas-sentenza, u mhux minhabba z-zmien ta' sittax-il sena minn meta nfethet il-kumpilazzjoni sakemm inghatat is-sentenza ; li r-rikorrent ma ha ebda inizzjattiva biex il-kawza tieghu tinqata b'aktar heffa hlief meta gie nfurmat li sakemm tibqa' pendenti l-kumpilazzjoni hu ma setghax jiehu l-pensjoni li kien wasal ghaliha (ara fol 1321 tal-kumpilazzjoni) ; li r-rikorrent kien rega' dahal fl-impjieg u tnehhiet is-sospensjoni tieghu u rega' beda jircievi paga

shiha ghal hafna miz-zmien li fih kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali.

Fic-cirkostanzi l-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu u l-obbligu ta' kull parti involut, tiddeciedi li r-rikorrent ghandu ikun kumpensat ghad-danni morali li sofra minhabba l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fis-somma ta' Euro 3,500.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent ;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba li giet irtirata fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' l-estinzjoni tal-proceduri kriminali u tilqahha fir-rigward tal-kumpens mitlub u tikkundanna lill intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' Euro 3,500.
Spejjez ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------